**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 25 ta' Ottubru, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 540/2007 AF**

**Gamal Wadeed Tawfik Iskander u fil-verbal tas-seduta tat-12 ta' Jannar 2017, il-Qorti ordnat li l-atti tal-kawza jghaddu f'isem Antonia Wadeed Tawfik Iskander**

**vs**

**C. R. Limited u fil-verbal tas-seduta tas-17 ta' Novembru 2015, il-Qorti laqghet it-talba u awtorizzat lil Dr. Peter Fenech biex jassumi l-atti fil-kapacità tieghu ta' stralcjarju ta' C. R. Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Fl-1994, waqt li r-rikorrent kien impjegat ma' C.R. Limited huwa kien wegga' daharu fuq il-post tax-xoghol, gie ccertifikat li mhux kapaci jerfa' pizijiet, u gie moghti parir mediku biex jaghmel xogholijiet hfief, izda minkejja dan C.R. Limited ma agevolatx lir-rikorrent fid-doveri tieghu.

Ir-rikorrent kien ghadu mpjegat ma' C.R. Limited, ta' Ingiered Road, Luqa, ta' liema kumpannija Charles Cini huwa direttur, meta fil-11 ta' Novembru 2005, impjegat iehor li kien qieghed isuq 'lifter' bi brejkijiet difettuzi, saq ghal fuq ir-rikorrent u darbu f'riglu.

Minhabba f'hekk ir-rikorrent sofra dizabilità permanenti u gie ccertifikat bhala mhux kapaci ghal kwalunkwe tip ta' xoghol (Dok. A anness).

L-incident fuq il-post tax-xoghol kien tort tas-socjetà konvenuta, li b'hekk hija responsabbli minhabba negligenza, u nuqqas ta' min jimpjega li jassigura li l-ghodda uztata tkun ta' kwalità tajba, fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, u mhux perikoluza.

Is-socjetà konvenuta, ghalkemm giet imsejha b'ittra legali tat-2 ta' Jannar 2007, naqset li tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjetà konvenuta kienet responsabbli tal-incident fuq il-post tax-xoghol.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur.

3. Tikkundanna lis-socjetà konvenuta sabiex thallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata bhala danni, bl-ispejjez u bl-imghax legali.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tas-socjetà konvenuta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà konvenuta maħlufa minn Charles Cini li permezz tagħha eċċepiet illi:

L-ewwel talba tal-attur kif dedotta kontra s-socjetà intimata ghandha tkun michuda stante li l-allegat incident *de quo* ma

garaxx tort tal-istess socjetà intimata li minn naha taghha ottemperat ruhha mal-obbligu taghha li fit-termini stabbiliti mill-ligi thares is-sahha u s-sigurtà tal-impjegati taghha fosthom l-attur.

Isegwi ghalhekk li t-tieni talba tal-attur kif dedotta kontra s-socjetà intimata ghandha tkun respinta wkoll billi ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attur. Fi kwalunkwe kaz, u bla pregudizzju ghall-premess, jispetta lill-attur li jaghmel il-prova tad-danni inkluz il-prova li l-kondizzjoni medika prezenti u attwali tieghu hija kollha kemm hi rizultat tal-allegat korriment tieghu fl-allegat incident u mhux konsegwenza ta' xi kondizzjoni medika jew ta' sahha antecedenti l-incident.

Anke t-tielet talba ghandha tigi rigettata stante li s-socjetà intimata m'ghandhex tkun kundannata thallas danni lill-attur.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat illi fl-udjenza tal-20 ta' Ġunju 2011 din il-Qorti diversament presjeduta nnominat lil Mr. Massimo Abela bħala espert mediku.

Rat ir-relazzjoni tal-espert mediku.

Rat illi permezz ta' digriet datat 13 ta' Jannar 2012 din il-Qorti diversament presjeduta nnominat lil Mr. Charles Grixti, Mr. Ray Gatt u Mr. Jason Zammit bħala esperti mediċi addizzjonali.

Rat ir-relazzjoni tal-esperti mediċi addizzjonali.

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma quddiem l-assistent ġudizzjarju.

Rat li l-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta biex tkompli tinstema u tinqata'.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-attur qiegħed jitlob lill-Qorti ssib lis-soċjetà konvenuta responsabbli għall-inċident fuq il-post tax-xogħol li seħħ fil-11 ta' Novembru 2005 fejn l-attur, li kien impjegat tas-soċjetà konvenuta, sofra ġrieħi fl-irkoppa tax-xellug meta waqa' wara li ġie milqut minn *forkifter* misjuq minn Reuben Barun, impjegat ieħor tal-konvenuta. Il-Qorti qiegħda tiġi mitluba għalhekk tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tikkumpensa lill-attur għad-danni li jgħid illi sofra konsegwenza ta' dan l-inċident.

Is-soċjetà konvenuta teċċepixxi li t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda stante li hija bl-ebda mod ma taħti għall-inċident *de quo*. Konsegwentement, teċċepixxi li t-talba għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni wkoll għandha tiġi miċħuda.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-attur kien impjegat mas-soċjetà konvenuta bħala *welder*. Dakinhar tal-inċident huwa kien għaddej fuq xogħlu jaqta' biċċa ħadid meta ntlaqat minn *forklifter* misjuq minn Reuben Barun li mar sabiex jgħinu fuq il-biċċa xogħol li kien qed jagħmel. Reuben Barun jiddeskrivi xogħlu bħala *multipurpose worker*. Huwa jelabora billi jgħid li kien jagħmel kwalunkwe xogħol manwali li kien jitqabbad jagħmel.

Bid-daqqa, l-attur waqa' u weġġa l-irkoppa tax-xellug. Dak il-ħin huwa ngħata l-għajnuna minn Reuben Barun kif ukoll Charles Cini, *managing director* tas-soċjetà konvenuta. Filwaqt illi Charles Cini jinsisti li dak il-ħin stess lill-attur wasslu d-dar, jirriżulta li f'xi ħin dakinhar fil-għodu l-attur mar il-polyclinic fejn ġie nvistat minn tabib. Mill-provi prodotti ma jirriżultax illi huwa kellu bżonn jidħol l-isptar u lanqas illi kellhom isirulu xi interventi mediċi konsegwenza diretta ta' dan l-inċident. Dan qiegħed jingħad għaliex minkejja li jiriżulta li konsegwenza tal-inċident l-attur baqa' jsofri minn problemi fl-irkoppa tax-xellug, mill-provi prodotti huwa ċar li l-attur kien diġà jbati bil-problemi f'din l-irkoppa qabel l-inċident kif ukoll minn kundizzjonijiet mediċi oħra li fil-fehma tal-Qorti ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-inċident *de quo*.

L-inċident ma rah ħadd ħlief dawk involuti fih. L-attur jikkontendi li l-inċident seħħ għaliex il-*forklifter* li kien qiegħed

jopera Reuben Barun kellu *brakes* difettużi. Madankollu, ma tressqet l-ebda prova f'dan is-sens. Minkejja li l-attur ippreżenta *casette* ta' *recording* ta' konversazzjoni li allegatament seħħet bejnu u bejn Reuben Barun, kif ukoll traskrizzjoni ta' din il-konversazzjoni, Reuben Barun xehed quddiem l-Assistent Ġudizzjarju fejn ċaħad illi l-inċident seħħ minħabba li l-*brakes* tal-*forklifter* ma ħadmux jew li lill-attur qatt kien qallu hekk.

Il-Qorti tinnota li fil-proċeduri kriminali li ttieħdu fil-konfront tiegħu, Reuben Barun biddel il-verżjoni tiegħu kemm il-darba u sa anke ċaħad illi l-attur intlaqat mill-*forklifter*. Il-Qorti ssib illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ l-aktar verżjoni verosimili dwar id-dinamika tal-inċident hija dik tal-attur u cioè li huwa ntlaqat mill-frieket tal-*lifter* misjuq minn Barun.

Wara l-inċident l-attur għamel xahar ma jidħolx għax-xogħol. Jirriżulta li fl-aħħar tas-sena 2006 huwa temm l-impjieg tiegħu mas-soċjetà konvenuta għaliex ħareġ bil-pensjoni tal-invalidità wara li ġie misjub li ma kienx għadu tajjeb għax-xogħol. L-attur ġie nieqes fil-mori tal-kawża.

**Responsabbiltà**

Fir-rigward tar-responsabbiltà tas-soċjetà konvenuta għall-akkadut, kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Natalina Ciancio vs Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali tas-27 ta' Frar 2014:

> "*Ghalkemm il-principji tal-htija kif imsawra fil-kuntest tal-Art 1031 u 1032(1) tal-Kap 16, jistghu jigu applikati in linea generali ghall-kaz tal-lum, l-azzjoni attrici tibqa' wahda partikolari msejsa fuq ir-relazzjoni ex contractu veljanti bejn impjegat u principal fejn jidhol il-harsien tas-sahha u tas-sigurtà tal-impjegat*."

L-artikolu 6(3) tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta) jiddisponi hekk:

*"Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subartikolu (2), min iħaddem għandu jipprovdi dik l-informazzjoni, dak it-tagħlim, dak it-taħriġ u dik is-superviżjoni li huma meħtieġa biex żgurata s-saħħa u s-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol."*

Permezz tal-Avviż Legali 36 tal-2003, daħal fis-seħħ korp ta' regolamenti imsejjaħ Regolamenti dwar Disposizzjonjiet Ġenerali dwar is-Saħħa u Sigurta fuq il-Post tax-Xogħol. Regolament numru 4 jelenka d-dmirijiet ġenerali ta' min iħaddem:

*"(1) Għandu jkun id-dmir ta' min iħaddem li jiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema f'kull żmien u f 'kull aspett li għandu x'jaqsam max-xogħol.*

*(2) Min iħaddem għandu jagħmel dawk l-arranġamenti xierqa għall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monitoraġġ u reviżjoni tal-miżuri preventivi u protettivi, waqt li jikkunsidra n-natura ta' l-attivitajiet u d-daqs ta' l-impriża.*

*(3) Min iħaddem għandu jieħu l-miżuri neċessarji għas-salvagwardja tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u għal dan il-għan għandu jippreveni riskji fuq il-post tax-xogħol u jipprovdi informazzjoni u tagħrif kif meħtieġ:*

*Iżda għal dawn l-għanijiet, min iħaddem għandu jipprovdi l-organizazzjoni u l-mezzi neċessarji li bihom jiżgura l-grad ta' standards ta' saħħa u sigurtà meħtieġa fuq il-post tax-xogħol:*

*Iżda wkoll, bl-għan li jitjiebu s-sitwazzjonijiet eżistenti, min iħaddem għandu jkun attent għall-bżonn ta` aġġustament jew emenda ta' dawk il-miżuri meħuda biex jipproteġu s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema waqt li jikkunsidra ċ-ċirkostanzi li jinbidlu."*

Ir-regolament numru 5 jelenka dmirijiet ulterjuri ta' min iħaddem u ċioè li:

*"(a) jidentifika l-perikli fuq il-post tax-xogħol u għandu jevita riskji għas-saħħa u s-sigurtà;*

*(b) jevalwa dawk ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema li ma jistgħux jiġu evitati u għandu jikkontrollahom mill-bidu;*

*(c) jadatta x-xogħol għall-individwu, speċjalment fejn jidħol id-disinn tal-postijiet tax-xogħol, l-għażla tat-tagħmir tax-xogħol u l-għażla tal-metodi tax-xogħol u tal-produzzjoni, bil-ħsieb partikolarment li jitnaqqas ix-xogħol monotonu u xogħol b'rata determinata minn qabel u li jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa."*

Regolament numru 15 imbagħad speċifikament jelenka l-obbligi tal-ħaddiem. Dan jaqra hekk:

*"(1) Għandu jkun id-dmir ta' kull ħaddiem li jieħu ħsieb kemm jista' jkun is-saħħa u s-sigurtà tiegħu stess kif ukoll dawk ta' persuni oħrajn li jistgħu jkunu affettwati bl-atti jew nuqqasijiet tiegħu skond it-taħriġ u l-istruzzjonijiet mogħtija minn min iħaddem.*

*(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dan kollu, għandu jkun id-dmir tal-ħaddiem li:*

*(a) jagħmel użu korrett tal-makkinarju, apparat, għodda, sustanzi perikolużi, tagħmir tat-trasport u mezzi oħrajn ta' produzzjoni;*

*(b) jagħmel użu korrett tat-tagħmir protettiv personali mogħti lilu u, wara l-użu, jirritornah f'postu;*

*(c) ma jiskonnettjax, jibdel jew ineħħi b'mod arbitrarju l-mezzi ta' sigurtà użati, ma' makkinarju, apparat, għodda, impjanti u bini, u li juża dawn il-mezzi ta' sigurtà b'mod korrett;*

*(d) jinforma immedjatament lil min iħaddem u, jew lill-ħaddiema bir-responsabbilità speċifika għas-saħħa u s-sigurta` tal-ħaddiema b'xi sitwazzjoni tax-xogħol li jkollu*

*raġunijiet jikkunsidra li tippreżenta periklu serju u imminenti għas-saħħa u s-sigurtà u b'xi nuqqasijiet fl-arranġamenti ta' protezzjoni;*

*(e) jikkopera ma' min iħaddem u ma' ħaddiema bir-responsabbilità speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, għat-tul ta` żmien neċessarju sabiex jitlesta x-xogħol jew ħtiġijiet imposti mill-Awtorità sabiex jiġu protetti s-saħħa u s-sigurta` tal-ħaddiema fuq ix-xogħol;*

*(f) jikkopera ma' min iħaddem u, jew ma' ħaddiema bir-responsabbilità speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, għat-tul ta` żmien neċessarju sabiex min iħaddem jiżgura li l-ambjent tax-xogħol u l-kondizzjonijiet tax-xogħol ikunu mingħajr periklu u li ma jpoġġu l-ebda riskju għas-saħħa u s-sigurtà fil-qasam ta' l-attività tagħhom."*

Ir-regolament 22 tar-Regolamenti dwar Postijiet tax-Xogħol (Saħħa, Skansar u Ħsieb Ġenerali) jiddisponi li kull inċident li jiġri kawża tax-xogħol jew in konnessjoni miegħu li jagħti lok għal mewt jew ferriment gravi, jew fil-każ ta' impjegat fuq ix-xogħol, f'li dak l-impjegat ikun inkapaċitat milli jaħdem għal iktar minn tliet ijiem wara xulxin, għandu jkun inċident li għandu jingħata tagħrif dwaru u għandu għalhekk jiġi rappurtat lid-Direttur tax-Xogħlijiet.

Il-Qorti tirreferi għas-sentenza tagħha diversament presjeduta fl-ismijiet Raymond Psaila vs Pisciculture Marine de Malte Limited tad-29 ta' Settembru 2011 fejn saret ġabra tad-diversi prinċipji segwiti mill-Qrati tagħna fid-deċiżjonijiet tagħhom dwar is-suġġett li titratta s-sentenza tal-lum. F'din id-deċiżjoni l-Qorti qalet hekk:

*"Illi bħala punt tat-tluq dottrinali, huwa magħruf li fil-qasam ta' responsabbilta' dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, jgħoddu regoli speċjali dwar dak li jiġri meta ħaddiem jew terza persuna ġġarrab inċident bħal dak. Bit-tħaddim tar-regoli ġenerali tal-liġi dwar ir-responsabbilta' għal dak li wieħed irid iwieġeb għalih minħabba xi għamil jew nuqqas*

*tiegħu, is-sejbien ta' ħtija għal inċident bħal dak jgħabbi lil min ikun qabbad lill-ħaddiem jew lit-terz li jkun, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh.*

*Illi b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu (dak li bosta jsejħulu "a safe system of work") fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbilta' fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiem. Huwa stabilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni. Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi.*

*Illi jrid jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbilta' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurta' tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq, u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel. B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri*

*ażżardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru.*

*Illi dan kollu juri li r-responsabbilta' tal-imgħallem m'hijiex waħda li tabilfors tintrabat miegħu awtomatikament għal kull inċident li jġarrab xi impjegat tiegħu waqt ħin ix-xogħol (dik li tissejjaħ "strict liability"). Għalkemm hija responsabbilta' li titlob prudenza, għaqal u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, ma titlobx grad ogħla ta' responsabbilta', u tista' saħansitra tixxejjen jekk kemm-il darba l-impjegat innifsu jkun traskurat jew saħansitra jmur kontra dak li jkun intalab li jagħmel jew li m'għandux jagħmel.*

*Illi biex isir stħarriġ xieraq tad-dinamika dwar kif ikun seħħ inċident, jeħtieġ li l-Qorti tqis l-"ambjent kollu tal-post tax-xogħol" jiġifieri mhux biss tal-makkinarju jew l-impjant li fuqu jew bih ikun qiegħed jitwettaq ix-xogħol magħżul, imma saħansitra l-mod kif ikun qed jitwettaq ix-xogħol u l-ambjent li fih il-ħaddiem involut ikun tqiegħed jaħdem mill-imgħallem tiegħu.*

*Illi, kif ingħad aktar qabel, il-prinċipju tal-liġi jrid li kulħadd iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu. Iżda huwa wkoll miżmum u aċċettat li jrid jintwera li, minbarra s-sejbien tal-ħtija, jeħtieġ li jkun stabilit ukoll li kienet dik il-ħtija li ikkaġunat id-dannu attwalment imġarrab. Fuq kollox, il-liġi trid ukoll li fejn il-parti li tkun ġarrbet il-ħsara tkun hija stess li ikkontribwiet għad-danni b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb tkun tat sehem jew okkażjoni għal dik il-ħsara, il-Qorti hija mogħtija d-diskrezzjoni li tqis f'liema grad tkun hekk ikkontribwiet jew tkun tat okkażjoni għall-ħsara li batiet. Dan iġib miegħu wkoll tnaqqis proporzjonali fil-kumpens li jkun mod ieħor dovut lill-persuna li tkun tat hija nnifisha r-raġuni għal dak li ġralha. Mill-mod kif inhi l-liġi llum fis-seħħ f'dan ir-rigward, m'hemm l-ebda regola fissa jew determinanti li tgħid kemm għandu jkun dak il-proporzjon jew frazzjoni oħra, u dan għaliex id-diskrezzjoni li hija mħollija f'idejn il-Qorti għandha tinbena fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u l-provi riżultanti. Jista' għalhekk ikun li l-kontributorjeta'*

*għall-ħsara tkun tali li tkun għal kollox determinanti bħala kawża u effett u b'hekk tneħħi kull rabta ta' ħtija minn fuq il-persuna li setgħet ikkawżat dik il-ħsara. Dan kollu ma jneħħi xejn mis-siwi tal-prinċipju tad-dritt proċedurali li onus incumbit ei qui dixit, u għalhekk l-allegazzjoni tal-kontributorjeta' tal-persuna mġarrba trid tkun ippruvata kif imiss mill-persuna li tallegaha.*

*Illi minħabba li kull inċident għandu l-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, wieħed ma jistax jgħid minn qabel fiex tkun tikkonsisti l-kontributorjeta' min-naħa tal-persuna mġarrba. Madankollu, b'linja ta' prinċipji ġenerali, wieħed jista' jqis li jkun hemm kontributorjeta' fejn l-impjegat jonqos li joqgħod għal struzzjonijiet speċifiċi li jingħata mis-superjuri tiegħu, l-aktar fejn jidħol l-aspett ta' periklu, jew meta l-impjegat jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li l-ħila tiegħu u s-sengħa fix-xogħol li jkun tqabbad jagħmel imisshom inebbħuh biex jevita, jew meta l-istess impjegat jonqos li jinqeda b'sens komun u jqiegħed lilu nnifsu fil-għajn tal-periklu jew ħsara għalih innifsu jew għal saħħtu. Bosta drabi, din l-imġiba trid tkun saret bir-rieda tal-persuna mġarrba u timxi id f'id mal-massima li volenti non fit iniuria."*

Din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ fl-ismijiet Grezzju Scicluna vs C. Cini and Sons Ltd tas-27 ta' Ġunju 2006 iċċitat lill-awtur Whincup fil-ktieb *Modern Employment Law* li jelenka erba' principji bażiċi f'każi simili u ċioè li:

*i.* *'The employer must ensure that the employee knows the dangers;*

*ii.* *The employer must ensure that the employee knows the precautions to be taken against these dangers;*

*iii.* *The employer must ensure that the precautions are available;*

iv. *The employer must ensure that the employee knows these precautions are available.'*

Il-Qorti tal-Appell fil-każ fl-ismijiet Anna Micallef pro et noe vs Allchem Limited et tat-18 ta' Settembru 2009 għamlet riferenza għall-ktieb *Health and Safety Law: A Modern Guide* ta' Jeffrey Zindani (Edizzjoni tal-2002) fejn f'paġna 3 intqal hekk:

> *"Instead of imposing strict duties upon employers to ensure that accidents and diseases are reduced to the bare minimum, the UK courts have adopted a more relaxed approach preferring concepts based around "common sense" and "realism". This "common sense" approach, which is reflected in numerous judgments, fails to take into account the economic and industrial reality of the workplace, where workers invariably have little control over the decisions concerning the work they are undertaking and may not know what is safe and what is unsafe. The House of Lords grasped this point almost 50 years ago:*
>
> *"It is, I think, well known to employers ... that their workpeople are very frequently, if not habitually, careless about the risks which their work may involve... Employers are not exempted from this duty by the fact that their men are experienced and might, if they were in a position of an employer, be able to lay down a reasonably safe system of work themselves. Workmen are not in the position of employers. Their duties are not performed in the calm atmosphere of a board room with the advice of experts. They have to make their decisions on narrow sills and other places of danger and in circumstances where the dangers are obscured by repetition": per Lord Oaksey, General Cleaning Contractors Ltd v Christmas [1953] A.C. 180 at 189-90.'"*

Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża tal-lum, il-Qorti ssib illi l-inċident *de quo* seħħ tort tas-soċjetà konvenuta li naqset milli tipprovdi *a safe system of work* għall-ħaddiem tagħha. Mill-ftit provi prodotti dwar id-dinamika tal-inċident u ċ-ċirkostanzi li fihom kienu jaħdmu l-ħaddiema, huwa ċar f'għajnejn din il-Qorti li s-soċjetà konvenuta ma ħaditx ħsieb biżżejjed sabiex tassigura kontra l-periklu li kienu esposti għalih il-ħaddiema tagħha.

Minkejja li l-attur ma ressaqx prova li kienet mehtiega xi liċenzja partikolari sabiex jinstaq il-*forklifter*, ma jirriżultax illi Reuben Barun qatt ingħata xi taħriġ dwar kif għandu jsuq u juża *forklifter* mingħajr ma jkun ta' periklu għal ħaddieħor. Min iħaddem irid iżomm quddiem għajnejh illi ġieli l-ħaddiem jittraskura xi ftit dwar il-perikli li jistgħu jinħolqu u għalhekk għandu jkun hemm sistema sabiex dawn l-iżbalji ma jsirux. Il-Qorti hija sodisfatta mill-provi li l-inċident seħħ meta Barun laqat lill-attur bil-frieket tal-*forklifter* għaliex waqaf wisq viċin tiegħu, riżultat ta' żball sempliċi fil-kalkolu tad-distanza li kellha tinżamm bejn it-tarf tal-frieket u l-attur. Reuben Barun mhuwiex parti f'dawn il-proċeduri u lanqas jirriżulta li s-soċjetà konvenuta għamlet xi attentat sabiex issejjaħlu fil-kawża u allura l-ebda responsabilta ma tista' tiġi diretta lejh.

Minkejja li l-attur ma rnexxilux jipprova sal-grad rikjest mil-liġi li l-inċident seħħ minħabba difetti fil-*brakes* tal-*forklifter*, il-Qorti tqis illi huwa rilevanti wkoll illi meta xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fil-proċeduri kriminali li ttieħdu fil-konfront ta' Reuben Barun, Charles Cini għażel li ma jweġibx għall-mistoqsijiet li sarulu dwar kemm kien ilu ma jiġi ċertifikat u *serviced* il-*forklifter* in kwistjoni kif ukoll dwar it-taħriġ li ngħata Reuben Barun fl-użu ta' dan il-makkinarju.

L-ebda lbies protettiv ma kien ser jipproteġi lill-attur mill-ġrieħi li sofra f'dan l-inċident. Ma jirriżultax illi kien hemm xi traskuraġni da parti tal-attur b'mod illi jista' jingħad illi kkontribwixxa għal dak li ġara. Lanqas ma jirriżulta li naqas milli jieħu l-prekawzjonijiet mistennija minnu jew li joqgħod għall-istruzzjonijiet mogħtija lilu.

Il-Qorti tinnota wkoll illi minkejja li l-attur għamel xahar ma jidħolx għax-xogħol wara l-inċident, is-soċjetà konvenuta ma rraportatx l-inċident lill-awtoritajiet kif kienet obbligata li tagħmel bil-liġi.

Il-Qorti tħoss li huwa rilevanti wkoll dak li qalet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-sentenza tagħha fil-konfront ta' Reuben Barun (Il-Pulizija vs Reuben Barun tat-2 ta' Mejju 2012) dwar l-inċident in kwistjoni:

*"Illi l-Qorti hija tal-fehma illi dana kien incident sfortunat li madanakollu ma jahtix biss l-imputat ghalih, izda ukoll l-imghallem tieghu li naqas milli ihares is-sahha u is-sigurta ta' l-impjegati tieghu fuq il-post tax-xoghol. Illi sfortunatament, hafna drabi, l-incidenti fuq il-post tax-xoghol isehhu minhabba il-fatt illi tidhol certu non-kuranza ghar-riskji li jistghu ikunu prezenti u li jigu injorat minhabba certu kunfidenza zejda li ikollhom il-haddiema f'dak li ikunu qed jaghmlu. L-imghallem allura ihalli f'idejhom minghajr ma jiehu il-mizuri kollha mehtiega sabiex jigu evitati danni fizici u psikologici, korriment jew mewt fuq il-postijiet tax-xoghol li huma bazati fuq il-principji generali ta' prevenzjoni.*

...

*Illi dana kollu qed jinghad peress illi mill-provi li hemm fl-atti jidher car illi dawn il-mizuri f'dana il-kaz ma ittiehdux. Jidher car fl-ewwel lok illi l-imputat ma inghata l-ebda tahrig sabiex isuq forklifter, tahrig importanti u necessarju billi s-sewqan ta' forklifter huwa ghal kollox differenti minn sewqan ta' vettura normali u dana ghal ragunijiet ovvji. Biss biss il-forklifter ghandu piz fuq in-naha ta' quddiem tieghu fejn hemm il-furketta. Wiehed irid joqghod attent li ma jizbilancjax ruhu specjalment meta ikunu qed isiru certu manuvri. Illi l-furketta tasal hafna iktar 'il quddiem minn fejn ikun is-sewwieq u allura is-sewwieq ghandu izomm proper lookout ikbar ghal dak kollu li jinsab fil-vicinanzi tieghu b'mod specjali quddiem u jekk ikun qieghed idawwar, bhal kif kien qed jaghmel l-imputat, ghal dak kollu li hemm mad-dawra tieghu. L-imputat jikkonferma, meta mistoqsi in kontro-ezami, illi huwa qatt ma irceva l-ebda forma ta' tahrig mill-imghallem tieghu dwar is-sewqan tal-forklifter. Wiehed irid iqies ukoll illi fiz-zmien ta' l-incident l-imputat kellu ghoxrin sena u kwindi ma kienx ilu zmien twil hafna li kiseb il-licenzja tas-sewqan. Illi ghalkemm l-imputat ma kellux dana it-tahrig, l-imghallem tieghu xorta wahda baghtu sabiex isuq dana il-forklifter. Meta mistoqsi jekk kienx isir manutenzjoni fuq il-forklifter, Charles Cini, kif kellu dritt li jaghmel skond il-ligi,*

*ghazel li ma iwegibx ghal dina d-domanda sabiex ma jinkriminax ruhu."*

Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti issib illi s-soċjetà konvenuta għandha tinżamm responsabbli fil-konfront tal-attur għall-inċident *de quo*.

**Danni**

In materja ta' danni, l-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi hekk:

"*(1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qliegħ ieħor attwali, u t-telf ta' qliegħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċita` għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib.*

*(2) Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċita` tiġi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċita ikkaġunata, u kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara."*

L-attur ma ressaq l-ebda prova ta' nfieq jew ħsara attwali ('*damnum emergens*'). Madanakollu, jirriżulta mill-provi li kawża tal-inċident huwa sofra debilità permanenti fuq il-persuna tiegħu. Il-Qorti hija tal-fehma li għalhekk l-attur għandu jingħata kumpens għan-nuqqas jew telf li ġarrab minħabba li baqa' ma fieqx kompletament mill-ġrieħi li ġarrab fl-inċident ('*lucrum cessans*').

Skont l-artikolu 1045 suċitat, il-kwantifikazzjoni ta' danni tibqa' fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, tenut kont taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Fis-sentenza fl-ismijiet Paul Debono vs Malta Drydocks deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-27 ta' April 2005 intqal:

*"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi certament fis-sistema legali taghna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qliegh futur minhabba l-inkapacita`. Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati c-cirkostanzi tal-kaz, ix-xorta u grad ta' l-inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti danneggjata, tistabbilixxi s-somma rizarcitorja. Innegabilment, pero`, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuza, kif hekk jirrizulta minn semplici raffront tad-diversi decizjonijiet in materja*."

Id-diżabilità permanenti li sofra l-attur konsegwenza ta' dan l-inċident ġiet stabbilita mill-ewwel espert mediku fir-rata ta' tnejn fil-mija (2%) filwaqt illi l-esperti mediċi addizzjonali stabbilew ir-rata ta' wieħed fil-mija (1%). Mill-provi jirriżulta li l-attur kien diġa jbati minn problemi fl-irkoppa tax-xellug qabel l-inċident. Fil-fatt l-ewwel espert mediku wasal għall-konklużjoni li l-attur x'aktarx kien diġà kellu problema tal-artrite f'irkoptu qabel l-inċident. Huwa kkunsidra wkoll li qabel l-inċident, u ċioè fl-2004, l-attur kien diġà kkonsulta ma speċjalista ortopediku l-Isptar San Luqa. L-esperti mediċi addizzjonali imbagħad ukoll għamlu riferenza għall-fatt illi l-attur kien diġa isofri minn problemi fl-irkoppa tax-xellug qabel l-inċident u li dak li kien qiegħed iħoss wara l-inċident jista' jiġi spjegat fuq bażi ta' diġenerazzjoni normali tal-irkoppa. Huma jgħidu wkoll li l-problema f'irkopptu kienet aggravata minħabba l-mediċini li kien qiegħed jieħu kif ukoll minħabba l-piż żejjed.

Filwaqt illi l-attur jikkontendi li l-problemi mediċi tiegħu, inklużi dawk relatati mas-saħħa mentali tiegħu, twieldu riżultat tal-inċident in kwistjoni, din il-Qorti mhijiex konvinta li dawn il-kundizzjonijiet mediċi kienu riżultat dirett tal-inċident li sofra dakinhar.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll illi minkejja li dakinhar tal-inċident l-attur mar il-polyclinic sabiex jarah tabib, huwa ma ntbagħatx l-isptar ghal xi accertazzjonijiet jew kura ulterjuri specjalizzata. Tenut kont ta' dan kollu u speċjalment in vista tal-konklużjonijiet tal-esperti mediċi addizzjonali, din il-Qorti sejra

tistabbilixxi d-diżabilità permanenti li sofra l-attur fir-rata ta' wieħed fil-mija (1%) u sejra tadotta dan il-perċentwali fil-kalkoli tagħha.

Fir-rigward tal-*multiplier*, f'każijiet bħal dan illi għandha quddiemha l-Qorti llum, normalment ma jsirx sempliċi tnaqqis bejn l-età tal-irtirar u l-età tal-persuna fil-mument tal-inċident iżda l-*multiplier* irid jinkorpora ġo fih l-element ta' *chances and changes of life or vicissidtudes of life*. Din il-Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Josephine-Carmen Cunningham et vs John Grech et tal-14 ta' Jannar 2016 qalet hekk:

> *"In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income." (The Law of Tort - W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. P.228)."*

Hawnhekk issir riferenza wkoll għal ġurisprudenza estensiva ta' din il-Qorti diversament presjeduta fir-rigward tal-komputazzjoni magħmula f'kawżi simili wara inċidenti li jinvolvu diżabilità permanenti, bħalma hija dik fl-ismijiet Laurence Saliba vs Bezzina Ship Repair Yard (C8570) deċiża fit-12 ta' Novembru 2012, fejn ingħad illi:

> *"Il-Qorti thoss li hemm bzonn ta' certu uniformità f'dan l-aspett li naturalment jghin biex wiehed ikun jaf min qabel kriterji regolari. Huwa veru li kull kaz trid tarah ghalih izda li jkun hemm skeda li l-konsulenti legali u ditti ta' insurance ikunu jistghu jirriferu ghaliha tkun ta' utilità kbira."*

L-iskeda li ssir riferenza għaliha fis-sentenza ta' Saliba msemmija ġiet applikata f'numru ta' sentenzi oħra ta' din il-Qorti diversament presjeduta bħal Godfrey Schembri vs Victor Portelli deċiża fit-2 ta' Novembru 2009 u Alex Azzopardi vs Anna Ellul et, deċiża fl-20 ta' Mejju 2013. Għaldaqstant, din il-Qorti ser tapplika l-imsemmija skeda u fir-rigward tal-attur li f'dan il-każ kellu 50 sena fid-data tal-inċident, ser jiġi adoperat *multiplier* ta' 12-il sena.

Fir-rigward tal-paga li kien jirċievi l-attur, ġiet esebita biss kopja tal-FS3 għall-perjodu mit-2 ta' Jannar 2006 sas-6 ta' Diċembru 2006. F'dan il-perjodu il-qligħ tal-attur kien ta' Lm5210. Għal finijiet ta' komputazzjoni ta' paga, il-Qorti sejra għalhekk tibbaża l-kalkoli tagħha fuq l-ammont ta' Lm5609.59, illum €13,066.83, u ċioè daqs li kieku l-attur ħadem għal sena sħiħa fl-2006.

Jekk wieħed jikkonsidra li normalment il-paga minima nazzjonali tiżdied b'€303.78 kull sena, għal 12-il sena, u jekk wieħed jieħu l-medja ta' salarju fi żmien l-inċident (€13,066.83) u dak tal-aħħar salarju (€13,066.83 + €3645.36 = €16,712.19) ossia l-medja bejn €13,066.83 u €16,712.19, dan iwassal għall-figura ta' €14,889.51 li għandha tiġi adoperata bħala *multiplicand* li jipprovdi wkoll għall-għoli tal-ħajja.

Finalment, in vista tal-fatt illi l-attur ser ikun qiegħed jirċievi somma kapitali f'daqqa iżda tenut kont tal-fatt illi l-likwidazzjoni qiegħda ssir 10 snin wara li ġiet intavolata l-kawża, u dan effettivament ifisser li s-soċjetà konvenuta żammet f'idejha u gawdiet flus li jmissu lill-attur, iżda l-attur ser jieħu l-benefiċċju li jdaħħal flus bħala *lump sum,* din il-Qorti hija tal-fehma li għandu jsir tnaqqis ta' erbgħa fil-mija (4%) u ser tadotta dan it-tnaqqis bħala *lump sum reduction.*

Għalhekk, il-Qorti qiegħda tillikwida l-ammont dovut lill-attur in linea ta' danni kif ġej:

1% x 12 x €14,889.51 = €1786.74 – 4% = €1715.27.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta, tilqa' t-talbiet attriċi kif ġej:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi billi tiddikjara li s-soċjetà konvenuta kienet responsabbli għall-inċident fuq il-post tax-xogħol li seħħ fil-11 ta' Novembru 2005;

2. Tilqa' t-tieni talba attriċi u tillikwida d-danni sofferti mill-attur konsegwenza ta' dan l-inċident fl-ammont ta' elf,

seba’ mija u ħmistax-il Ewro u seba’ u għoxrin ċenteżmu (€1715.27);

3. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta sabiex tħallas lill-attur is-somma ta’ elf, seba’ mija u ħmistax-il Ewro u seba’ u għoxrin ċenteżmu (€1715.27) bl-imgħax mid-data tas-sentenza.

L-ispejjeż jithallsu mis-soċjetà konvenuta.

IMHALLEF

DEP/REG